*GILJOTTINA – AMMISSJONI*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 31 ta' Ottubru 2001**

**Numru : 22**
**Citaz. Numru : 1556/01/RCP**

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited**

**vs**

**1. Nicholsons The Supermarkets Limited u**

**2. Tonio Ciantar**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi in forza tal-annessa skrittura mmarkata Dokument 'A' is-socjeta' konvenuta ikkostitwiet ruhha veru cert u likwidu debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta'

erbatax-il elf mija u tnejn u tmenin lira ta' Malta u zewg centezmi (Lm14,182.02) liema somma l-istess socjeta konvenuta obbligat ruhha li thallas lil dik attrici fl-ammonti u d-dati hemm stipulati.

Illi gie miftiehem ukoll illi fil-kaz illi s-socjeta' konvenuta tkun moruza fil-hlas ta' pagament wiehed tiddekadi mill-beneficcju tat-terminu u s-socjeta' attrici jkollha d-dritt illi tesigi il-hlas immedjat tal-bilanc kollu talvolta dovut oltre l-imghax bit-8% fis-sena.

Illi l-ewwel cheque ghall-ammont ta' Lm1,188.02 baqa’ ma ssarrafx; ma sar ebda pagament da parti tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu b’mod li l-llum s-socjeta' konvenuta tinstab debitrici ta' dik attrici fis-somma ta' Lm14,182.02 oltre l-imghax miftiehem.

Illi s-socjeta' attrici tinstab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elf mitejn u sbatax-il lira ta' Malta u tmienja u tmenin centezmi (Lm1,217.88) prezz ta' merci lilha mibjugha u konsenjata minn dik attrici.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma komplessiva ta' Lm15,399.90.

Illi skond il-precitata skrittura l-konvenut l-iehor Tonio Ciantar fil-kapacita tieghu personali iggarantixxa solidalment mas-socjeta' konvenuta l-obbligi kollha

naxxenti mill-istess skrittura kif ukoll ghal kull merci li s-socjeta' konvenuta tixtri minn dik attrici.

Illi nonostante diversi promessi da parti tal-konvenuti il-hlas baqa ma sarx.

Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jissollevaw ghad-domandi attrici u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12.

L-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk il-konvenuti jghidu l-ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta u tiddeciedi l-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 u cioe` bid-dispensa tas-smiegh.

2. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta u lill-konvenut Tonio Ciantar bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta debituri tas-socjeta attrici fis-somma ta' hmistax-il elf tlett mija u disgha u disghin lira ta' Malta u disghin centezmi (Lm15,399.90); u konsegwentement.

3. Tikkundannhom ihallsu solidalment bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' (Lm15,399.90) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru Numri 2643/01 u 2644/01 rispettivament u bl-imghaxijiet legali kontra il-konvenuti ingiunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat il-verbal tal-31 ta’ Ottubru 2001 fejn xehed il-konvenut Tonio Ciantar u meta mistoqsi mill-Qorti u in vista tax-xhieda tieghu ammetta li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ Lm15,163.30c u l-istess konvenut iffirma l-verbal kontenenti l-istess dikjarazzjoni.

Rat li in vista tax-xhieda tal-konvenut fil-kwalita` tieghu premessa Dr Albert Grech ghas-socjeta` attrici prezenta nota ta’ riduzzjoni fejn fiha rriduca t-talba ghall-ammont ta’ Lm15,163.30c.

Rat li Dr Kathia Psaila Savona insistiet ghall-provvediment mill-Qorti.

Rat il-provediment tal-Qorti li in vista tax-xhieda tal-konvenut hasset li m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti fuq is-sorte, lanqas fi grad ta’ prima facie u lanqas ghall-ammont tas-sorte qabel ma gie ridott. Illi ghalhekk in vista tal-ammissjoni tal-konvenut fil-kwalitajiet tieghu premessi u in vista tan-nota ta’

riduzzjoni tas-sorte prezentata *seduta stante* il-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha a bazi tal-Art 167-170 tal-Kap 12 fil-kuntest ukoll tal-ammissjoni tal-konvenut fil-kwalita` tieghu premessa.

Rat li fic-cirkostanzi l-konvenut u s-socjeta` konvenuta ma kellhom ebda eccezzjoni x'jaghtu dwar is-sorte, anke kieku l-ammont ma giex ridott, u rat l-ammissjoni tal-konvenut fil-kwalita` tieghu premessa ghall-ammont kif ridott mis-socjeta` attrici, wara x-xhieda tal-istess konvenut.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta u ridotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif ridotta** b'dan illi:

2. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta u lill-konvenut Tonio Ciantar bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta debituri tas-socjeta attrici fis-somma ta' hmistax-il elf, mija u tlieta u sittin lira Maltin u tlettin centezmu (Lm15,163.30).

3. tikkundannhom ihallsu solidalment bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hmistax-il elf, mija u

tlieta u sittin lira Maltin u tlettin centezmu (Lm15,163.30).

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru Numri 2643/01 u 2644/01 rispettivament u bl-imghaxijiet legali sal-effettiv pagament kontra il-konvenuti solidalment.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**31 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Ottubru, 2001**